



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2011/0283(COD)

4.1.2012

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 dwar ċerti dispożizzjonijiet marbuta mal-kondiviżjoni tar-riskju għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fejn tidħol l-istabilità finanzjarja tagħhom

(COM(2011)0655 – C7-0350/2011 – 2011/0283(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Rolandas Paksas

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea ġiet fi żmien meta l-implimentazzjoni tal-programmi għall-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni ltaqgħet ma' problemi serji f'għadd ta' Stati Membri. Il-kriżi ekonomika u finanzjarja kostanti danneġġat serjament il-baġits tal-Istati Membri, u l-pressjoni fuq ir-riżorsi finanzjarji nazzjonali disponibbli għall-iffinanzjar tal-investimenti pubbliċi qiegħda tizzied b'mod kostanti u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni min-naħa tas-settur privat u b'mod partikolari tas-settur finanzjarju, qegħdin jiddeterjoraw.

L-objettiv prinċipali tal-proposta tal-Kummissjoni huwa għalhekk li jgħin lill-Istati Membri li ġew affettwati l-aktar mill-kriżi biex jibqgħu għaddejjin bl-implimentazzjoni fil-prattika tal-programmi għall-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni, u b'hekk jinjettaw il-fondi fl-ekonomija. Bil-possibbiltà li parti mill-allokkazzjonijiet tal-fondi tal-UE jkunu jistgħu jiġu ttrasferiti għall-istabbiliment ta' strumenti għall-kondiviżjoni tar-riskju, il-Kummissjoni timmira li tiffaċilita l-għoti ta' fondi b'self u garanziji mill-Bank Ewropew għall-Investment jew minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra biex jikkofinanzjaw kontribuzzjonijiet finanzjarji privati għall-proġetti implimentati permezz ta' sostenn pubbliku.

Ir-Rapporteur jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni u l-impatt potenzjalment pożittiv tagħha fuq l-ekonomija tal-UE u l-assorbiment tal-Fondi tal-UE. Sabiex jiġi żgurat li se tiġi applikata bl-aktar mod ottimali u rapidu, ir-Rapporteur jipproponi żewġ emendi fit-test tal-proposta.

L-ewwel nett, ir-Rapporteur jemmen li fl-ambjent attwali ta' kriżi ekonomika, l-Istati Membri kollha - kemm jekk diġà qegħdin jirċievu assistenza finanzjarja mill-mekkaniżmi tal-UE jew jekk qegħdin jaffaċċjaw diffikultajiet fejn tidħol l-istabilità finanzjarja tagħhom u qegħdin jissieltu biex jattiraw kapital mis-settur privat biex jikkomplimentarizors finanzjarji pubbliċi li dejjem qed isiru aktar limitati, għandu jkollhom il-possibbiltà li jibbenefikaw mill-introduzzjoni ta' strumenti għall-kondiviżjoni tar-riskju. Tali strumenti jippermettu żieda fl-investment fit-tkabbir u fi proġetti li jiġġeneraw aktar impjiegi bl-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni li ma ġewx assorbiti sa tmiem il-perjodu ta' programmar 2007-2013.

It-tieni, ir-Rapporteur jaqbel mal-Kummissjoni li l-prijorità, skont strumenti għall-kondiviżjoni tar-riskju, għandha tingħata lill-finanzjament tal-operazzjonijiet ikkofinanzjati mill-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni; madanakollu, proġetti ta' infrastruttura oħra rilevanti għall-irkupru ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi fl-Istati Membri għandhom ikunu eliġibbli wkoll (il-memorandum spjegattiv tal-proposta tal-Kummissjoni diġà jinkludi tali possibbiltà). B'mod partikolari, xi proġetti tal-infrastruttura għall-ġenerazzjoni tad-dħul li f'sitwazzjoni nieqsa minn kriżi kienu jakkwistaw finanzjament minn sorsi esterni (u għalhekk mhumieq eliġibbli jew mhumieq inklużi fil-programmi operattivi tal-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni għall-perjodu 2007-2013) iżda taħt iċ-ċirkostanzi attwali ma rnexxilhomx isibu finanzjament, jistgħu jibbenefikaw mill-inklużjoni tagħhom fl-istrumenti għall-kondiviżjoni tar-riskju mingħajr il-bżonn għal emenda fit-tul tal-programmi operattivi.

Fl-aħħar nett, fid-dawl tas-suċċess ta' strumenti simili f'setturi oħra (pereżempju l-Faċiltà għall-Kondiviżjoni tar-Riskju Finanzjarju għar-Riċerka u l-Iżvilupp) ir-Rapporteur jittama li l-istabbiliment ta' tali strument għall-kondiviżjoni tar-riskju se jagħti prova li huwa ta' benefiċċju wkoll għall-Istati Membri li jiddeċiedu li jużawh fis-sitwazzjoni attwali ta' kriżi u jqis li huwa ta' valur, wara li jiskadi l-perjodu attwali ta' programmar, għall-esplorazzjoni tal-

possibbiltajiet biex jinħoloq strument analogu permanenti għall-kondiviżjoni tar-riskju li se jibbenefikaw minnu l-Istati Membri kollha taħt kundizzjonijiet iddefiniti b'mod ċar.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Sabiex itaffu dawn il-problemi u biex titħaffef l-implimentazzjoni tal-programmi u l-proġetti operazzjonali, kif ukoll biex jissaħħaħ l-irkupru ekonomiku, huwa xieraq li l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri **wara li esperjenzaw diffikultajiet** serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja **u li ngħataw assistenza finanzjarja skont wieħed mill-mekkaniżmi ta' assistentenza finanzjarja stipulati hawn fuq** jistgħu jikkontribwixxu riżorsi finanzjarji mill-programmi operazzjonali għat-twaqqif ta' strumenti għall-kondiviżjoni tar-riskju li jipprovdi self jew garanziji finanzjarji jew faċilitajiet finanzjarji oħra, b'appoġġ għall-proġetti u l-operazzjonijiet previsti taħt programm operazzjonali.

Emenda

(13) Sabiex itaffu dawn il-problemi u biex titħaffef l-implimentazzjoni tal-programmi u l-proġetti operazzjonali, kif ukoll biex jissaħħaħ l-irkupru ekonomiku, huwa xieraq li l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri **li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet** serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja **tagħhom jistgħu jikkontribwixxu, temporanjament u mingħajr ħsara għall-perjodu ta' programmar 2014-2020**, riżorsi finanzjarji mill-programmi operazzjonali għat-twaqqif ta' strumenti għall-kondiviżjoni tar-riskju li jipprovdi self jew garanziji finanzjarji jew faċilitajiet finanzjarji oħra, b'appoġġ għall-proġetti u l-operazzjonijiet previsti taħt programm operazzjonali. **Barra minn hekk, il-proġetti tal-infrastruttura rilevanti fil-kuntest tal-irkupru ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi fl-Istati Membri kkonċernati jistgħu wkoll jiġu appoġġjati.**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fi żmien ta' kriżi, il-proposta ma għandhiex tapplika biss għall-pajjiżi li qegħdin jingħataw għajnuma finanzjarja mill-UE, iżda għandha tapplika għall-Istati Membri kollha li qegħdin jesperjenzaw diffikultajiet fl-istabbiltà finanzjarja tagħhom u ma jistgħux jattiraw kapital privat biex jikkumplementa riżorsi finanzjarji pubbliċi limitati. Strumenti għall-kondiviżjoni tar-riskju se jwasslu għal żieda fl-investment fit-tkabbir u fil-proġetti li jegġeneraw l-impjiegi bl-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni li baqgħu ma ġewx assorbiti sal-aħħar tal-2013.

Permezz tal-inklużjoni ta' proġetti oħra tal-infrastruttura (kif propost fil-memorandum spjegattiv tal-Kummissjoni) se jkun possibbli li jiġi evitat dewmien fit-tibdil tal-programmi operattivi.

Emenda 2

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 2

Regolament (KE) Nru 1083/2066

Artikolu 36 – paragrafu 2a – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

2a. L-Istati Membri **li jissodisfaw waħda mill-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 77(2)**, jistgħu jikkontribwixxu parti mill-allokkazzjonijiet finanzjarji indikati fl-Artikolu 19 u l-Artikolu 20 għal strument għall-kondiviżjoni tar-riskju, li se jiġi stabbilit mill-Kummissjoni bi ftehim mal-Bank Ewropew tal-Investment, jew bi ftehim ma' korpi tas-settur pubbliku nazzjonali jew internazzjonali jew korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku li jipprovdu garanziji adegwati kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(c) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, taħt termini u kondizzjonijiet simili għal dawk applikati għal u mill-Bank Ewropew tal-Investment, biex ikopri l-provvista u l-allokkazzjoni ta' kapital ta' garanziji u self, kif ukoll faċilitajiet finanzjarji oħrajn, mogħtija taħt l-istrument għall-kondiviżjoni tar-riskju.

Emenda

2a. L-Istati Membri jistgħu jikkontribwixxu parti mill-allokkazzjonijiet finanzjarji indikati fl-Artikolu 19 u l-Artikolu 20 għal strument għall-kondiviżjoni tar-riskju, li se jiġi stabbilit mill-Kummissjoni bi ftehim mal-Bank Ewropew tal-Investment, jew bi ftehim ma' korpi tas-settur pubbliku nazzjonali jew internazzjonali jew korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku li jipprovdu garanziji adegwati kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(c) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, taħt termini u kondizzjonijiet simili għal dawk applikati għal u mill-Bank Ewropew tal-Investment, biex ikopri l-provvista u l-allokkazzjoni ta' kapital ta' garanziji u self, kif ukoll faċilitajiet finanzjarji oħrajn, mogħtija taħt l-istrument għall-kondiviżjoni tar-riskju.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-possibbiltà li jiġi stabbilit strument għall-kondiviżjoni tar-riskju ma għandhiex tiġi ristretta għall-Istati Membri "li jissodisfaw waħda mill-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 7(2)", jiġifieri qegħdin jirċievu għajjnuna finanzjarja minn wieħed mill-mekkaniżmi tal-UE.

Emenda 3

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 2

Regolament (KE) Nru 1083/2066

Artikolu 36 – paragrafu 2a – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Tali strument tal-kondiviżjoni tar-riskju għandu jintuża esklussivament għal self u garanziji, kif ukoll faċilitajiet finanzjarji oħra, biex jiffinanzja operazzjonijiet kofinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni, rigward nefqa li mhix koperta bl-Artikolu 56.

Emenda

Tali strument tal-kondiviżjoni tar-riskju għandu jintuża esklussivament għal self u garanziji, kif ukoll faċilitajiet finanzjarji oħra, biex jiffinanzja operazzjonijiet kofinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni, ***jew proġetti ta' infrastruttura rilevanti fil-kuntest tal-irkupru ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi fl-Istati Membri kkonċernati***, rigward nefqa li mhix koperta bl-Artikolu 56.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-intenzjoni hi li jiġu finanzjati proġetti tal-infrastruttura importanti oħra li għandhom il-potenzjal li jiġġeneraw l-impjiegi u t-tkabbir mingħajr ma jkun hemm bżonn emenda li tiegħu fit-tul, tal-programmi operattivi. L-iffokar hawnhekk huwa fuq proġetti tal-infrastruttura li jiġġeneraw id-dħul li f'sitwazzjoni nieqsa minn kriżi kienu jakkwistaw finanzjament minn sorsi privati esterni u b'hekk mhumiex eliġibbli jew inklużi fil-programmi operattivi tal-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni għall-perjodu 2007-2013, iżda taħt iċ-ċirkostanzi attwali ma jistgħux isibu finanzjament.

Emenda 4

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 2

Regolament (KE) Nru 1083/2066

Artikolu 36 – paragrafu 2a – subparagrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

Kwalunkwe ammont li jibqa' wara t-tlestija ta' operazzjoni koperta minn strument tal-kondiviżjoni tar-riskju jista' jerġa' jintuża, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, fi ħdan l-istrument tal-kondiviżjoni tar-riskju,

Emenda

Kwalunkwe ammont li jibqa' wara t-tlestija ta' operazzjoni koperta minn strument tal-kondiviżjoni tar-riskju jista' jerġa' jintuża, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, fi ħdan l-istrument tal-kondiviżjoni tar-riskju

jekk l-Istat Membru għadu jilħaq waħda mill-kondizzjonijiet stabbiliti kif speċifikat fl-Artikolu 77(2). Jekk l-Istat Membru ma jissodisfax dawn il-kondizzjonijiet, l-ammont li jibqa' għandu jitqies bħala dħul assenjat fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju. Fuq talba mill-Istat Membru kkonċernat, approprjazzjonijiet għal impenji addizzjonali ġenerati minn dan id-dħul assenjat għandhom jiżdedu s-sena ta' wara mal-allokazzjoni finanzjarja tal-politika ta' koeżjoni tal-Istat Membru kkonċernat."

sa tmiem il-perjodu ta' programmar 2007-2013 jew jitqies bħala dħul assenjat fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju. Fuq talba mill-Istat Membru kkonċernat, approprjazzjonijiet għal impenji addizzjonali ġenerati minn dan id-dħul assenjat għandhom jiżdedu s-sena ta' wara mal-allokazzjoni finanzjarja tal-politika ta' koeżjoni tal-Istat Membru kkonċernat."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan ir-regolament emendatorju huwa ta' natura temporanja u, bħar-Regolament tal-Kunsill prinċipali (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Keeżjoni, jibqa' jgħodd sal-31 ta' Diċembru 2013. Attwalment, ir-regolament ġenerali l-ġdid għall-perjodu ta' programmar 2014-2020 qed jiġi ppreparat mill-istituzzjonijiet.